StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem: ____________________________** **Klassi:___________________**

## ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

## SKEMA TA' MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 29 | 4 | 6 | 6 | 13 | 12 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

### IL-ĦITAN TAS-SEJJIEĦ



Il-ħitan tas-sejjieħ insibuhom qalb ir-raba' tal-gżejjer tagħna. Huma ħitan magħmulin minn ġebel imqiegħed fuq xulxin bl-idejn u jifirdu għalqa minn oħra. Il-ħitan tas-sejjieħ huma wieħed mill-elementi li jagħtu dehra mill-isbaħ lir-raba' ta' Malta u Għawdex. (*par. 1*)

Ħafna minn dawn il-ħitan inbnew snin ilu mill-bdiewa biex iħarsu l-ħamrija tal-għelieqi tagħhom. Meta tagħmel ħafna xita, l-ilma għandu ħabta jġorr kollox miegħu, inkluż il-ħamrija. B'hekk il-bdiewa ħasbu biex jibnu l-ħitan tas-sejjieħ biex iservu ta' lqugħ u għalhekk il-ħamrija ma tinġarrx mill-ilma tax-xita. (*par. 2*)

Jekk wieħed iħares mill-qrib lejn il-ħajt tas-sejjieħ, jara li dan hu mimli b'toqob u xquq qalb il-ġebel. Mhux kulħadd jaf li f'dawn l-ispazji jgħixu ħafna ħlejjaq. Il-wiżgħat u l-gremxul huma fost l-aktar ħlejjaq komuni li naraw iduru jew jixxemmxu fuq xi ħajt tas-sejjieħ. Ix-xaħmet l-art u s-sriep huma rettili oħra li jgħixu u jinħbew fix-xquq ta' dawn il-ħitan, filwaqt li ż-żnażan ukoll għandhom ħabta jużaw xi ġebla mill-ħajt tas-sejjieħ biex magħha jibnu l-bejta tagħhom. (*par. 3*)

Il-ħitan tas-sejjieħ huma wirt tagħna lkoll u għalhekk għandna nibżgħu għalihom. Hi ħasra li kultant nisimgħu li xi wħud minn dawn il-ħitan qegħdin jinħattu jew li f'nofs oħrajn qed jitpoġġew tankijiet imsadda li żgur ikerrhu d-dehra sabiħa ta' dawn il-ħitan. (*par. 4*)

(addattament ta' silta mill-ktieb *Malta, Niesha u Madwarha*)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Fejn insibu l-ħitan tas-sejjieħ?

_______________________________________________ (1)

2. Min bena dawn il-ħitan? _______________________________ (1)

3. X'użu għandhom dawn il-ħitan? (*par. 2)*

_______________________________________________ (1)

4. Biex inhu mimli l-ħajt tas-sejjieħ? ___________________________ (1)

5. Semmi żewġ ħlejqiet li jgħixu f'dawn il-ħitan.

a. ____________________ b. ________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Għaliex għandna nibżgħu għal dawn il-ħitan?

___

7. Agħti raġuni waħda għala dawn il-ħitan qegħdin jitilfu d-dehra sabiħa tagħhom.

___

___ (1)

8. Ikteb appell ta' mhux aktar minn 10 kelmiet biex sħabek jibżgħu għal dawn il-ħitan.

___

___

___ (2)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (29 marka) |
|---|---|

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

1. ..... *tal-gżejjer* ***tagħna*** *(par. 1)*

   Il-kelma ***tagħna*** hi magħmula minn:

   ta + na ☐ ta' + na ☐ tiegħi + na ☐ (1)

2. .... *jara li* ***dan*** *hu mimli b'toqob u xquq. (par. 3)*

   Il-Pronom Dimostrattiv ***dan*** qiegħed jirreferi għall- ___ (1)

3. Il-verb ***insibuhom*** fl-ewwel sentenza tas-silta juri:

   Perfett ☐ Imperfett ☐ Imperattiv ☐ (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

a. Agħti kelma oħra flok il-kliem ta' hawn taħt skont kif użat fis-silta.

   1. *raba'* (*par. 1*) ___

   2. *qrib* (*par. 3*) ___

   3. *ħlejjaq* (*par. 3*) ___ (3)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

b. Il-ħitan tas-sejjieħ insibuhom ***qalb*** ir-raba' tal-gżejjer tagħna.

Ikteb sentenza bil-kelma ***qalb*** b'tifsira differenti.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

## (iii) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

(i) Imla l-vojt skont m'hemm miktub fil-parentesi:

Xi naħiet tal-ħanut kellhom (il-plural ta' ***mejda***) __________________ (il-plural ta' ***sabiħ***) __________________ u nodfa b' (plural ta' ***mera***) __________________ warajhom. (3)

(silta meħuda minn ***Oħroġ il-Għerf - Grammatika Bil-Livelli 2***)

(ii) *Ktieb is-Slaten huwa wieħed mill-Kotba Mqaddsa tal-Antik Testment*.

Mis-sentenza ta' hawn fuq, sib u ikteb:

a. il-frażi fl-Istat Kostrutt: __________________________________ (1)

b. il-frażi fil-Possessiv: __________________________________ (1)

(iii) Għaqqad il-verb ***rabat*** mal-pronomi diretti u indiretti kif mitlub/a:

a. rabat + hu + li: __________________________________________ (1)

b. rabat + hie + li: __________________________________________ (1)

(iv) Immarka t-tweġiba t-tajba.

a. Verb b'erba' konsonanti fil-mamma jissejjaħ:

Kwinarju ☐ Settenarju ☐ Kwadrilitteru ☐ (1)

b. Verb li jkollu ***j*** jew ***w*** fil-mamma jissejjaħ:

Sħiħ ☐ Mgħawweġ ☐ Dgħajjef ☐ (1)

(v) Agħti l-għerq tal-kliem b'sing taħtu.

a. Ir-ragħaj <u>żamm</u> ix-xaħam f'ġarra. __________________ (1)

b. Imbagħad bil-flus li <u>naqla'</u> nixtri nagħġa. __________________ (1)

ċ. Imbagħad <u>nibni</u> palazz kbir. __________________ (1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(vi) Oħroġ nom minn dawn il-verbi.

a. pinġa ____________________

b. ibbrejkja ____________________

(vii) Żid kelma biex tifforma s-Superlattiv Assolut.

a. aħmar ____________________ (1)

b. niexef ____________________ (1)

**(iv) SINTASSI / SENTENZI**

1. Ifred is-sentenza t'hawn taħt f'żewġ sentenzi li jagħmlu sens:

   Il-ħitan tas-sejjieħ huma wirt tagħna lkoll u għalhekk għandna nibżgħu għalihom.

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (1)

2. Ikteb is-sentenza t'hawn taħt mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira:

   Il-ħitan tas-sejjieħ insibuhom qalb ir-raba' tal-gżejjer tagħna.

   Qalb ir-raba'________________________________________________

   ____________________________________________________________ (2)

3. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-konġunzjoni ***u****:*

   Huma ħitan magħmulin minn ġebel imqiegħed fuq xulxin. Jifirdu għalqa minn oħra.

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (2)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

**QWIEL U IDJOMI**

a. Kompli dawn il-qwiel billi timla l-vojt.

1. Il-qattusa għaġġelija ________________________________________ . (1)

2. Dak li jixtri l-ħut fil-baħar ________________________________________. (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

b. Immarka t-tifsira t-tajba ta' dawn l-idjomi.

1. mar għand Alla
   siefer ☐ miet ☐ ħarab ☐

2. baqa' tifel
   baqa' żgħir ☐ dejjem m'ommu ☐ ma rabbiex għaqal ☐ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

F'madwar 50 kelma iddeskrivi lilek innifsek. (Kif tidher, il-karattru tiegħek u l-passatempi tiegħek).

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

## E. TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (6 marki)

Immaġina li int wieħed/waħda mill-personaġġi li studjajt dwarhom din is-sena. F'madwar 50 kelma ikteb dwar ħajtek u dwar ix-xogħlijiet tiegħek.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. LETTERATURA

### (i) POEŻIJA: NADRIET 2

**WIED QIRDA** ta' *Dun Karm Psaila*

Nisma' ġol-fraxxnu u ġol-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min qed ibati
u jigdem l-art fl-uġigħ ta' l-aħħar firda;

U ħsiebi jerġa' lura lejn il-ġrajja
ta' min għalina kien bil-bosta ħati,
u nħoss għaddejja l-Mewt minn fuq Wied Qirda.

1. Immarka **IVA** jew **LE:**

| | IVA | | LE |
|---|---|---|---|
| a. Din il-poeżija għandha suġġett storiku. | | | |
| b. Din il-poeżija hija patrijottika. | | | |
| ċ. Din il-poeżija hi mibnija b'versi ottonarji jew tat-tmienja. | | | |
| d. Din il-poeżija hija bla rima. | | | |
| e. Din il-poeżija hija sunett Petrarkjan. | | | |

(5)

2. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba:

a. Il-poeżija ***Ġejja x-Xita*** ta' Mary Meilak titkellem dwar: (Malta; l-Italja; l-Ingilterra). (1)
b. ***Il-Barri*** hekk kif daħal fil-biċċerija: (raqad; kiel; għajjat). (1)
ċ. ***Id-Dwejra*** ta' Joe Friggieri u ***Gelmus*** ta' Ġorġ Zammit jitkellmu dwar postijiet: (fi Franza; f'Għawdex; f'Malta). (1)
d. ***Ballata*** ta' Rużar Briffa hi poeżija: (deskrittiva; argumentattiva; narrattiva). (1)

3. **AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija minn t'hawn taħt u f'20 kelma ikteb il-ħsieb tagħha.

| |
|---|
| ***Fil-Menqa*** – Ġorġ Peresso; ***Lejl tat-Tfulija*** – Ġorġ Borg; ***Sjesta Maltija*** – Kilin; ***Marsaxlokk*** – Charles Flores; ***Ġunju*** – Dun Karm |

L-isem tal-poeżija: ________________________________ ta' ______________________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Il-ħsieb tal-poeżija:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

(ii) **PROŻA**

a. ***Ħolm tal-Milied?*** – Trevor Żahra (Ikteb fuq karta separata.)

*"Imxi Lel, ejja ħa torqod," resqet iċċaqalqu waħda mara. Kienet pastura qasira u mbaċċa b'suritha tixbah lill-ġarra li kellha fuq rasha.*

F'madwar 80 kelma ikteb dwar din l-avventura ta' Leli mal-pasturi fil-presepju sakemm wassluh għand ix-xjuħ.

**JEW**

Ikteb madwar 80 kelma dwar id-drawwiet tal-Milied li nsibu f'dan il-ktieb. (8 marki)

b. ***Nies bla Sabar*** - Temi Zammit

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

1. Fl-istorja ***Ferħa Bla Temma,*** il-flus tal-wirt kienu jaslu fl- ____________________ tax-xahar. (1)
2. Iz-ziju ta' ***Franswa`*** kien jismu ______________________________ . (1)
3. Meta kienet taħdem għand in-nies, ***Pina*** ma kenitx tieħu ___________________ magħha. (1)
4. Fl-istorja ***Bieżla u Għaqlija***, is-Sur Nin medd ______________________________ fit-taraġ. (1)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.

1. Fiera kbira.
2. X'jogħġobni u xi jdejjaqni fejn noqgħod.
3. Sibt qattus mitluf.
4. Film li ħadt gost nara.
5. L-aktar esperjenza ta' biża' f'ħajti.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers